



**PARLAMENT EWROPEW**

**2009 - 2014**

---

*Dokument ta' sessjoni*

---

16.1.2012

B7-0008/2012

## **MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI**

imressqa wara l-mistoqsijiet b'talba għal tweġiba orali B7-0021/2012,  
B7-0675/2011 u B7-0676/2011

skont l-Artikolu 115(5) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar żbilanċi fil-katina tal-provvista tal-ikel (2011/2904(RSP))

**George Lyon, Britta Reimers, Liam Aylward, Marit Paulsen, Sylvie  
Goulard, Riikka Manner**  
f'isem il-Grupp ALDE

RE\889251MT.doc

PE479.445v01-00

**MT**

*Magħquda fid-diversità*

**MT**

**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar żbilanċi fil-katina tal-provvista tal-ikel (2011/2904(RSP))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-8 ta' Lulju 2010 dwar 'il-futur tal-Politika Agrikola Komuni wara l-2013', ir-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Jannar 2011 dwar 'ir-rikonoxximent tal-agrikoltura bħala settur strateġiku fil-kuntest tas-sigurtà tal-ikel' u r-riżoluzzjoni tiegħu tat-23 ta' Ġunju 2011 dwar 'il-PAK fid-dawl tas-sena 2020: Nindirizzaw l-isfidi tal-futur fl-ambitu tal-ikel, tar-riżorsi naturali u dak territorjali',
  - wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni bit-titolu, 'Katina tal-provvista alimentari fl-Ewropa li taħdem aħjar' (COM(2009)0591) u d-diversi dokumenti ta' ħidma mehmuża ma' din il-Komunikazzjoni, kif ukoll ir-riżoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Settembru 2010 dwar 'Dħul ġust għall-bdiewa: katina tal-provvista alimentari fl-Ewropa li taħdem aħjar',
  - wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Lulju 2010 li tistabbilixxi Forum ta' Livell Għoli dwar it-Titjib tal-Funzjonament tal-Katina ta' Provvista tal-Ikel (2010/C 210/3),
  - wara li kkunsidra r-rakkomandazzjonijiet finali tal-Grupp ta' Livell Għoli dwar il-Kompetittività tal-Industrija Agroalimentari tas-17 ta' Marzu 2009, kif ukoll il-konklużjonijiet tal-Kunsill tad-29 ta' Marzu 2010 dwar funzjonament aħjar tal-katina tal-provvista tal-ikel fl-Ewropa,
  - wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni tiegħu tad-19 ta' Frar 2008 dwar l-investigazzjoni u r-rimedju tal-abbuż ta' poter minn supermarkets kbar li joperaw fl-Unjoni Ewropea, kif ukoll ir-riżoluzzjoni tiegħu tas-26 ta' Marzu 2009 dwar 'Il-prezzijiet tal-ikel fl-Ewropa',
  - wara li kkunsidra l-Artikoli 115(5) u 110(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar katina tal-provvista alimentari li taħdem aħjar (COM(2009)0591) identifikat żbilanċi serji fil-katina ta' distribuzzjoni tal-ikel li jinkludu: abbuż tal-poter tal-akkwist dominanti; termini ta' kuntratti inġusti; ħlasijiet tard; modifiki kuntrattwali unilaterali; aċċess limitat għas-suq; nuqqas ta' informazzjoni dwar l-iffissar tal-prezzijiet; distribuzzjoni inugwali tal-marġnijiet tal-qligħ fil-katina tal-ikel kollha; u għadd ta' problemi marbuta ma' konċentrazzjoni akbar fis-settur tal-bejgħ bl-imnut;
- B. billi l-livell ta' konċentrazzjoni ta' bejjiegħa bl-imnut kbar ħafna fl-Unjoni Ewropea jaffettwa ħażin lill-produtturi għaliex jirriżulta fi żbilanċi li qed ikomplu jikbru tal-poter bejn il-partijiet kontraenti, ħaġa li tirriżulta f'telf progressiv tas-saħħa ta' negozjar għall-produtturi agrikoli meta jiddeterminaw il-livell tal-prezzijiet tul il-katina tal-valur, mill-produzzjoni primarja għall-ipproċessar sal-konsumatur aħħari;

- C. billi t-telf tas-saħħa ta' negozjar, min-naħa l-waħda, u ż-żieda fl-ispejjeż tal-produzzjoni, min-naħa l-oħra, ipoġġu lill-impriżi agrikoli fi żvantaġġ, u b'hekk idgħajfu potenzjalment il-potenzjal produttiv għaż-żmien twil fl-Istati Membri u jkabbru d-dipendenza tagħhom fuq is-swieq esterni;
- D. billi l-prezzijiet baxxi mħallsa mill-produtturi u fornituri oħra mhux dejjem jirriżultaw fi prezzijiet baxxi għall-konsumaturi, u n-numru mnaqqas ta' viji ta' distribuzzjoni jista' jeffettwa wkoll is-sensiela ta' prodotti disponibbli għall-għażla tal-konsumatur għaż-żmien twil;
1. Jenfasizza li l-problema tal-iżbilanċi fil-katina tad-distribuzzjoni tal-ikel għandha dimensjoni Ewropea ċara, minħabba l-importanza strateġika tal-katina agroalimentari għall-Unjoni Ewropea; ifakkar li l-katina tal-provvista tal-ikel, l-agrikoltura, l-industrija agroalimentari u d-distribuzzjoni jirrappreżentaw 7% tal-impjiegi totali fl-UE u jiswew EUR 1400 biljun fis-sena;
  2. Jiġbed l-attenzjoni dwar il-ħidma li qed issir fil-Forum ta' Livell Għoli dwar it-Titjib tal-Funzjonament tal-Katina ta' Provvista tal-Ikel, b'mod partikolari l-pjattaform tiegħu Minn Negozju Għal Negozju; jistieden lill-Parlament Ewropew biex ikun infurmat formalment u regolarment dwar is-sitwazzjoni tal-ħidma u d-deċiżjonijiet meħuda;
  3. Jistieden lill-Kummissjoni tipproponi leġiżlazzjoni, fejn neċessarju, mingħajr distorsjoni tal-funzjonament xieraq tas-swieq, kif ukoll biex tinkoraġġixxi l-awto-regolamentazzjoni fis-settur sabiex jinbnew relazzjonijiet iktar ġusti u iktar trasparenti bejn il-produtturi, il-fornituri u d-distributuri ta' prodotti tal-ikel, u biex tiżgura li r-regoli diġà fis-seħħ jiġu implimentati kif xieraq;
  4. Jinsisti li l-Istati Membri għandu jkollhom rwol attiv fl-istabbiliment ta' fora ta' konsultazzjoni sabiex jippromwovu d-djalogu u jistabbilixxu linji gwida li jirriżultaw relazzjonijiet aktar ġusti u bilanċati bejn l-atturi fil-katina tal-ikel;
  5. Jinsisti fuq il-bżonn li tiġi ċċarata d-definizzjoni ta' prattiki abbużivi u mhux ġusti sabiex ikunu jistgħu jittieħdu miżuri xierqa, ikun jista' jkun hemm superviżjoni u s-sanzjonijiet ikunu jistgħu jiġu applikati b'mod xieraq meta neċessarju;
  6. Jixtieq jenfasizza l-lista li ġejja bħala lista mhux eżawsta tal-prattiki li dwarhom il-produtturi kellhom tħassib:

(I) Aċċess għall-bejjieġha bl-imnut:

- i) ħlas minn qabel għall-aċċess għan-negozjati
- ii) miżati għall-inklużjoni fil-listi
- iii) miżati ta' dħul
- iv) iffissar tal-prezzijiet għal spazju fuq l-ixkafef
- v) impożizzjoni ta' promozzjonijiet
- vi) dewmien fil-ħlasijiet
- vii) iffissar tal-prezzijiet
- viii) klawżola tal-klijent l-aktar ivvantagġat

II) Kundizzjonijiet kuntrattwali inġusti jew bidliet unilaterali għat-termini kuntrattwali:

- i) bidliet unilaterali u retrospettivi għall-kundizzjonijiet kuntrattwali
  - ii) ksur unilaterali tal-kuntratt
  - iii) klawżoli/miżati ta' esklussività
  - iv) impożizzjoni ta' kontribuzzjoni 'obbligatorja' għal ditti privati 'obbligatorji'
  - v) impożizzjoni ta' mudelli kuntrattwali standard
  - vi) prattiki ta' ritaljazzjoni
  - vii) ftehimiet kuntrattwali mhux miktuba
  - viii) irkupru marġni
  - ix) skontijiet indiskriminati
  - x) dewmien fil-ħlasijiet
  - xi) impożizzjoni ta' ħlas għall-ipproċessar/għat-tneħħija tal-iskart
  - xii) xiri minn gruppi/negożjati konġunti
  - xiii) irkantijiet invertiti
  - xiv) termini ta' konsenja mhux realistiċi
  - xv) impożizzjoni tal-użu ta' fornitur (speċifiku) ta' imballaġġ jew ta' materjal ta' imballaġġ
  - xvi) impożizzjoni tal-użu ta' pjattaforma loġistika (speċifika) jew ta' operatur (speċifiku)
  - xvii) ħlas biex jiġu koperti promozzjonijiet (mhux miftiehma minn qabel)
  - xviii) ordnijiet eċċessivi ta' prodott maħsub għall-promozzjoni
  - xix) ħlas talli ma jintlaħqux ċerti livelli ta' bejgħ
  - xx) impożizzjoni fuq il-fornituri ta' skont extra għal bejgħ li jaqbeż ċertu livell
  - xxi) irtirar unilaterali ta' prodotti mill-ixkafef tal-ħwienet
  - xxii) impożizzjoni ta' ritorn inkundizzjonat ta' merkanzija (mhux mibjugħa)
  - xxiii) impożizzjoni fuq il-fornituri ta' kostijiet marbuta mal-kontrazzjoni jew mas-serq ta' prodotti
  - xxiv) impożizzjoni fuq il-fornituri ta' kostijiet mhux raġonevoli marbuta ma' lmenti tal-klijenti;
7. Jitlob l-istabbiliment ta' qafas biex dawn il-prattiki jiġu kkontrollati b'mod effikaċi, l-ewwel nett billi tibda inkjesta fis-settur kollu, u permezz tal-istabbiliment ta' sistema ta' evalwazzjoni u monitoraġġ operata mill-Istati Membri u kkoordinata mill-Kummissjoni Ewropea;
8. Jitlob li jissaħħu l-mezzi biex ikun żgurat li l-iskadenzi għall-ħlasijiet jiġu rispettati u, meta jkun meħtieġ, għandhom jiġu implimentati strumenti ġodda biex jitnaqqas kemm jista' jkun it-tul ta' żmien bejn il-konsenja u meta l-ħlas fil-fatt jasal għand il-fornituri; jenfasizza, f'dan il-kuntest, li jinħtieġu urġentement soluzzjonijiet għall-problemi speċifiċi li jaffaċċjaw il-produtturi ta' prodotti li jhżienu, bi żminijiet qosra li matulhom jistgħu jibqgħu fil-ħwienet, li jħabbtu wiċċhom ma' diffikultajiet importanti ta' likwidità;
9. Jinnota l-miżuri fl-abbozzi tal-proposti tal-Kummissjoni għar-riforma tal-PAK, imfassla biex isaħħu l-pożizzjoni tal-bdiewa fil-katina tal-provvista tal-ikel, permezz ta' appoġġ għall-organizzazzjonijiet tal-produtturi u għall-organizzazzjonijiet intersettorjali u billi jippromwovu katini qosra bejn il-produtturi u l-konsumaturi, bħas-swieq għall-produzzjoni lokali; jemmen li t-tiħiħ tal-pożizzjonijiet tal-bdiewa jippermetti li dawn jirċievu sehem aktar ġust tal-valur miżjud;

10. Jinsisti wkoll li ditti indipendenti għandhom jitqiegħdu ħdejn id-ditti proprji tal-bejjiegħa bl-innut fuq l-ixkafef tas-supermarkets sabiex il-konsumatur jingħata għażla kemm jista' jkun wiesgħa; jitlob aktar trasparenza u ġustizzja fil-prattiki tal-iffissar tal-prezzijiet għad-ditti proprji u indipendenti; jinsisti li għandu jkun hemm regoli fis-seħħ biex jiġi evitat ikkupjar b'mod parassitiku ta' ditti indipendenti minn bejjiegħa bl-innut kbar biex joħolqu d-ditti tagħhom stess;
11. Jitlob li l-interpretazzjonijiet nazzjonali tal-liġi tal-UE dwar il-kompetizzjoni jiġu approssimati sabiex l-imġiba kontra l-kompetittività tkun tista' tiġi identifikata u interpretata bl-istess mod fl-Unjoni kollha, u jistaqsi lill-Kummissjoni toħroġ linji gwida għall-awtoritajiet nazzjonali tal-kompetizzjoni biex ikollhom approċċ iktar olistiku tal-konċentrazzjoni vertikali fil-katina kollha tal-provvista tal-ikel;
12. Jistieden lill-Kummissjoni tagħmel analiżi profonda tad-differenzi fl-approċċ bejn is-27 politika nazzjonali tal-kompetizzjoni u biex thegħgeġ soluzzjonijiet li jinvolvu l-imsieħba kollha fil-katina tal-produzzjoni tal-ikel u li jevitaw l-abbużi ta' pożizzjonijiet dominanti, li spiss b'riżultat tagħhom ibati l-produttur agrikolu;
13. Jistieden lill-Kummissjoni tikkoordina l-ħidma tad-diversi servizzi tagħha sabiex ikollha rwol aktar effikaċi fil-monitoraġġ tal-prezzijiet fil-katina tal-ikel kollha u fil-monitoraġġ tad-dinamika tal-provvista bl-innut u tal-ishma tas-suq rispettivi fl-UE kollha;
14. Jitlob li jinħoloq Ombudsman nazzjonali indipendenti għall-Kummerċ tal-Ikel biex jikkomunika mal-awtoritajiet kummerċjali u tal-kompetizzjoni rilevanti, li għandu jikkondividi informazzjoni u l-aħjar Prattiki, jagħti pariri dwar il-leġiżlazzjoni u r-regoli applikati, u jirrakkomanda sanzjonijiet fil-ħin u xierqa;
15. Jinsisti fuq sanzjonijiet dissważivi li għandhom jiġu applikati meta jinstabu abbużi; dawn għandhom ikunu proporzjonati mad-dannu finanzjarju u kummerċjali kkawżat lill-atturi fil-katina tal-provvista alimentari;
16. Iqis li s-soluzzjonijiet biex jiġu ttrattati l-iżbilanċi fil-katina tad-distribuzzjoni tal-ikel tikkonsisti minn qafas aġġustat li jgħaqqad ir-regolamentazzjoni, il-bidliet fil-liġi tal-kompetizzjoni u approċċ aktar orizzontali, flimkien ma' ftehmiet awtoregolatorji; jinsisti li l-Istati Membru għandhom jippromwovu l-iżvilupp tal-aħjar Prattiki u/jew l-aħjar Kodiċi ta' kondotta bi sħubija mal-partijiet ikkonċernati kollha;
17. Jemmen li għandha tinbeda kampanja ta' informazzjoni fl-UE kollha li tinforma lill-bdiewa dwar id-drittijiet kuntrattwali tagħhom kif ukoll dwar il-prattiki kuntrattwali u kummerċjali inġusti u abbużivi l-aktar komuni;
18. Jagħti struzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.